Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,570, 30 ta' Jannar, 1998
Taqsima B

A.L. 32 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1992 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts - M.A.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1992 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts - M.A. - u għandhom jinqraw u jinftichmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1992 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts - M.A. - li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. (1) Ir-regolamenti 3, 11 u 12 għandhom japplikaw minn Frar 1993 'il quddiem.

(2) Ir-regolamenti 7, 8 u 9 għandhom japplikaw minn Jannar 1994 'il quddiem.

(3) Ir-regolamenti 10 u 13 għandhom japplikaw minn Lulju 1995 'il quddiem.

(4) Ir-regolamenti 4, 5 u 6 għandhom japplikaw minn Lulju 1997 'il quddiem.

Emenda għas-sotto-paragrafu (b) tal-paragrafu (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok is-sotto-paragrafu (b) tal-paragrafu (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(b) persuni li għandhom il-grad ta' Bachelor of Arts - B.A. - għallinqas bi Grad B fl-istess suġġett meħud bħala l-qasam ewlieni bħal dak magħżul għall-Kors,

sakemm, minn Ottubru 1995 'il quddiem, persuni li għandhom il-grad ta' Bachelor of Arts - B.A. - b'għallinqas Grad B f'suġġett meqjus rilevanti għal dak magħżul għall-Kors mill-Bord tal-Fakulta', jistgħu jitħallew jirreġistraw ukoll."

Emenda għall-paragrafu (2) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali

4. Innumera l-paragrafu (2) tar-regolament (3) tar-regolamenti prinċipali bħala s-sotto-paragrapfu (a) tal-paragrafu (2).

5. Għandu jiżdied is-sotto-paragrafu (b) li ġej wara s-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu (2) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali:

"(b) Matul dan il-kors preparatorju kandidat għandu jkun meħtieġ jirreġistra għal għadd ta' taqsimiet studju li għalihom total ta' mhux inqas minn għoxrin u mhux aktar minn ħamsa u għoxrin kredtu huma assenjati."

Emenda għall-paragrafu (3) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali

6. Minflok il-paragrafu (3) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) (a) L-Eżamijiet Finali Sinottiċi għandhom ikunu magħmula minn żewġ karti ta' tliet sigħat-il waħda kif determinat mill-Bord tal-Fakulta', fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kap tad-Dipartiment ikkonċernat, magħżula bil-ħsieb li jikkompletaw programm fil-livell bl-Unuri. Waħda minn dawn il-karti tista' tintgħażel minħabba r-rilevanza tagħha għall-qasam ta' studju ta' l-istudent.

(b) Ir-riżultat finali ta' student għandu jqis il-livell milħuq fl-Eżamijiet Finali Sinottiċi kif ukoll il-kredti u l-gradi miksuba matul il-kors preparatorju. L-Eżamijiet Finali Sinottiċi għandhom ħamsin fil-mija tal-piz għall-iggradar tar-riżultat finali, waqt li l-ħamsin fil-mija l-oħra għandhom

ikunu kkalkolati fuq il-bażi tal-medja globali tal-kredti miksuba matul il-kors preparatorju.

(c) L-ismijiet tal-kandidati għandhom ikunu ppublikati f'lista f'ordni alfabetiku f'żewġ klassijiet: Għadda u Ikkwalifika biex jidħol għall-Kors ta' Master of Arts; u Weħel."

Emenda għall-paragrafu (4) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali

7. Minflok il-paragrafu (4) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Qabel ma jitħallew jirreġistraw għall-Kors l-applikanti kollha għandhom ikunu approvati mill-Bord tal-Fakulta', fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kap tad-Dipartiment ikkonċernat, bħala li għandhom it-taħriġ, l-għarfien u l-ħila meħtieġa għal-linja ta' studju u riċerka proposti. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu:

(a) it-titlu proviżorju tad-dissertazzjoni; u
(b) proposta komprensiva ta' riċerka."

Emenda għall-paragrafu (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

8. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Kandidat għall-Grad ikun mistenni li jippreżenta dissertazzjoni bil-miktub fuq is-suġġett approvat mhux inqas minn ħmistax u mhux aktar minn tmintax-il xahar skond il-kalendarju wara r-reġistrazzjoni. Il-Bord tal-Fakulta' jista', qabel il-preżentazzjoni tad-dissertazzjoni, jtawwal dan iż-żmien għal perijodu ieħor ta' mhux aktar minn sitt xhur skond il-kalendarju."

Emenda għar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

9. Minflok ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6. L-isem sħiħ u sunt tad-dissertazzjoni għandhom ikunu sottomessi għall-approvazzjoni tal-Bord tal-Fakulta' fi żmien tliet xhur skond il-kalendarju mill-ewwel reġistrazzjoni tal-kandidat."

Emenda għar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

10. Fil-paragrafu (1) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan li ġej:

"Sakemm kandidati li jagħżlu r-Renaissance Studies bħala l-qasam ewlieni għandhom ikunu meħtieġa jsegwu, u jtemmu b'suċċess, mhux inqas minn tmien u mhux aktar minn għaxar taqsimiet studju addizzjonali (kull waħda ekwivalenti għal żewġ kredti) kif determinat mill-Bord tal-Fakulta', fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet tal-Bord ta' l-Istudji rilevanti."

11. Ħassar il-paragrafu (2) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

12. Innumera mill-ġdid il-paragrafu (3) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali bħala l-paragrafu (2).

Emenda għall-paragrafu (1) tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali

13. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Ir-riżultat finali ta' kull kandidat għandu jqis il-merti tad-dissertazzjoni tiegħu u d-difiża *viva voce* tagħha magħmula minnu. Il-livell milħuq matul il-kors ta' l-istudji minn kandidat li jagħżel ir-Renaissance Studies għandu jkun ikkunsidrat ukoll."